**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 862/2023 DC**

***N1 Interactive Limited (C-81457)***

***vs***

***Avukat Dr. Marlon Borg (K.I. 304189M)***
***bħala mandatarju speċjali ta'***
***Stefan Poschl detentur tal-Passaport Awstrijak P6473730.***

**Illum, l-1 ta' Frar, 2024**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' N1 Interactive Ltd hekk kif debitament rrappreżentata mid-Direttur tagħha Dr. Jacques Grima (K.I. 35193M) ippreżentat fis-7 ta' Awwissu 2023 permezz ta' liema premettiet:-

A. <u>Kuntest Fattwali</u>

1. *Illi s-soċjeta rikorrenti hija kumpanija reġistrata ġewwa Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni C-81457 (vide vera kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tas-soċjeta rikorrenti anness hawn u mmarkat bħala 'Dokument A');*

2. *Illi s-soċjeta rikorrenti ottjeniet liċenzji mill-Awtorita' Maltija Dwar il-Logħob (hawn aktar l-isfel imsejħa bħala l-"MGA"), liema liċenzji għandhom is-segwenti numru ta' riferenza: MGA/B2B/801/2020 u MGA/B2C/394/2017 (hawn aktar l-isfel imsejħa bħala l-"Liċenzji");*

3. *Illi l-Liċenzji għadhom validi sal-lum u għal kull buon fini vera kopja tad-Dynamic Seal of Approval tal-Liċenzji qiegħda tiġi annessa hawn u mmarkata bħala 'Dokument B' flimkien ma vera kopja taċ-ċertifikati tal-Liċenzji, annessi hawn u mmarkati bħala 'Dokument Ċ' u 'Dokument D' rispettivament;*

4. *Illi bis-saħħa tal-Liċenzji maħruġa mill-MGA u l-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropeja (hawn aktar-il quddiem msejjaħ bħala t-"TFEU")*[1]*, is-soċjeta rikorrenti toffri servizzi ta' logħob onlajn, online gaming services lil persuni mhux biss li jinstabu Malta iżda anke persuni li jinstabu ġo pajjiżi terzi;*

5. *Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata 8 ta' Mejju, 2023 bin-numru ta' referenza 1907/2023 fl-ismijiet Avukat Dr Marlon Borg et noe vs. N1 Interactive Limited l-intimat interpella lis-soċjeta rikorrenti sabiex tersaq għall-ħlas tal-ammonti allegatament dovuti lilu bis-saħħa ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Awstrijaka fl-ismijiet Stefan Poschl vs. N1 Interactive Limited deċiża nhar l-10 ta' Awwissu tas-sena 2022 (mill-Qorti ta' Landesgericht fur Zivilrechtssachen ġewwa l-Awstrija) (hawn aktar-il quddiem msejħa bħala s-"Sentenza"). Kopja tal-imsemmija deċiżjoni ġiet annessa mal-ittra uffiċjali suriferita;*

6. *Illi wara li ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali suriferita, l-intimat talab il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv nhar is-26 ta' Mejju, 2023 liema talba ġiet akkordata nhar il-5 ta' Ġunju, 2023 mill-Onor. Imħallef Dr Francesco Depasquale – numru ta' referenza 896/2023;*

7. *Illi s-soċjeta rikorrenti qiegħda permezz tal-preżenti tikkontesta r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-Sentenza a tenur tal-Artikolu 45(1)(a) tal-Brussels I Recast abbinat mal-Artikolu 46 tal-istess Brussels I Recast, u dan stante li r-rikonoxximent tas-Sentenza tmur manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat, u ċioe <u>manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) ta' Malta.</u>*

B. *<u>Strateġija Pubblika ta' Malta – Ordre Public:</u>*

---

[1] *"Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt, ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta' li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni għandhom jiġu projbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat Membru li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi."*

*8. Illi l-Artikolu 45 tal-Brussels I Recast jgħid testwalment:*

> *"1. Fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata, ir-rikonoxximent ta' sentenza għandha tiġi rifjutata:*
>
> *(a) jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat;"*

*9. Illi umbad l-Artikolu 46 tal-istess Brussels I Recast jgħid testwalment:*

> *"Fuq it-talba tal-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni, l-eżekuzzjoni ta' sentenza għandha tiġi rrifjutata meta jinstab li teżisti waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 45."*

*10. Illi s-soċjeta rikorrenti għalhekk qiegħda tagħmel il-preżenti talba bħala parti interessata, b'mod partikolari abbażi tal-Artikolu 45(1)(a) tal-Brussels I Recast abbinat mal-Artikolu 46 tal-istess Brussels I Recast;*

*11. Illi r-rikonoxximent tas-Sentenza u konġuntivament l-eżekuzzjoni tagħha, huwa sfaċċjatament kontra l-ordni pubblika ta' Malta u dan kif ser jiġi ppruvat ampjament fil-mori tas-smiegħ tar-rikors odjern;*

*12. Illi l-operat tas-soċjeta esponenti huwa mhux biss operat liċenzjat iżda huwa qasam regolarizzat minn diversi Liġijiet u regolamenti Maltin fosthom l-Att Dwar il-Logħob, il-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*13. Illi s-soċjeta esponenti, kif taprezza ben tajjeb din l-Onorabbli Qorti, hija soġġetta għal diversi obbligi varji u rigorużi u dawn mhux biss l-obbligi li jemanu mill-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta iżda ukoll dawk li jirriżultaw mill-varji regolamenti (sija dawk dwar il-protezzjoni ta' ġugaturi, dawk dwar il-komunikazzjoni kummerċjali fil-logħob, dwar iż-żamma tad-data fost oħrajn);*

*14. Illi r-regolatur ta' soċjetajiet fi ħdan is-settur tal-logħob f'Malta hija l-MGA u għalhekk la darba l-MGA kellha l-pjaċir li tapprova l-Liċenzji tas-soċjeta esponenti, s-soċjeta esponenti għandha* ***dritt*** *li tipparteċipa fis-swieq Ewropej u dan abbażi tal-Artikolu 56 tat-TFEU;*

15. *Illi tajjeb li wieħed jemfażizza li l-Artikolu 56 tat-TFEU bl-aktar mod ċar jipprojibixxi kwalsiasi restrizzjoni fuq il-liberta' li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni Ewropeja minn persuni li jkunu stabbiliti fi Stat Membru li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi (u ċioe li s-soċjeta rikorrenti toffri servizzi minn Malta lil ġugaturi stabbiliti f'Stati Membri oħrajn);*

16. *Illi infatti, l-MGA kemm bħala awtorita' regolatriċi kif ukoll bħala persuna interessata f'din il-materja għoġobha tipprovdi lil din l-Onorabbli Qorti opinjoni legali fuq dan il-punt in kwistjoni fejn għal darba darbtejn insibu konferma li l-Liċenzji maħruġa mill-MGA lis-soċjeta rikorrenti jagħtuhom dritt sagrosant sabiex topera b'dan il-mod. Vera kopja tal-opinjoni legali provduta mill-MGA qiegħda tiġi annessa hawn u mmarkata bħala 'Dokument E';*

17. *Illi fi ħdan l-opinjoni legali tal-MGA jingħad testwalment hekk:*

> *"3. It is part and parcel of the Maltese gambling legal framework and Maltese public policy that, in accordance with and on the basis of the freedom of an EU-established entity to provide a service to consumers within another EU member state, an MGA licence confers the right onto Licensees to operate cross-border from Malta, if a justifiable legal reason to target such jurisdiction exists."*

18. *Illi dan hu konferma li l-Liċenzji jagħtu dritt lil soċjetajiet bħas-soċjeta rikorrenti sabiex joperaw cross-border (dan sintendi jekk kemm-il darba s-soċjeta in kwistjoni żżomm in vigore l-Liċenzji tagħha);*

19. *Illi l-MGA tagħmel spunt importanti fejn jidħol l-Artikolu 56 tat-TFEU u l-premazija tal-Liġi Ewropeja, partikolarment fejn ġie ddikjarat illi:*

> *"Additionally, the CJEU has recently further clarified that by applying the principle of the primacy of EU law, it requires national courts to not apply a provision of national law that runs counter to Article 56 of the TFEU, notwithstanding that a higher court of the same member state has declared such provision of law to be conformity with EU law (C-920/19, Fluctus and Fluentum, paragraph 60)."*

20. *Illi huwa ben fatt li l-Liġi Ewropeja, u ċioe d-dettami tal-Artikolu 56 tat-TFEU, għandhom jipprevalu f'każ ta' kunflitt bejn il-Liġi Ewropeja u dik nazzjonali. Illi din ma hijiex l-opinjoni tas-soċjeta rikorrenti, iżda huwa prinċipju bażilari tal-Unjoni Ewropeja ampjament rikonoxxut mill-Qrati Ewropej;*

21. *Illi hawnhekk is-soċjeta rikorrenti sejra tikkwota verbatim mid-deċiżjonijiet renomati f'din l-isfera fosthom The Queen vs Secretary of State for Transport ex parte Factortame Ltd et fejn nhar id-19 ta' Ġunju tas-sena 1990 il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat illi:*

> *"Il-Qorti ddeċidiet ukoll li kull dispożizzjoni ta' sistema legali nazzjonali jew kull prassi, leġiżlattiva, amministrattiva jew ġudizzjarja, li jkollha l-effett li tnaqqas l-effettività tad-dritt Komunitarju bil-fatt li ċċaħħad lill-qorti li tkun kompetenti biex tapplika dan id-dritt, mis-setgħa li tagħmel, fil-mument innifsu meta dan jiġi applikat, dak kollu li jkun neċessarju biex twarrab id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li jistgħu jxekklu, anki temporanjament, l-effettività sħiħa tar-regoli Komunitarji, hija inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għall-istess natura tad-dritt Komunitarju (sentenza tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal, iċċitata iktar 'il fuq, punti 22 u 23)."*[2]

22. *Illi teżisti każistika vasta u ampja tal-Qrati Ewropej li tikkonferma dan il-prinċipju bażilari ad nauseam (bħal Flaminio Costa and Enel (C-6/64), Van Gend en Loos v Nederlandse Administratie der Belastingen (C-26/62) u Internationale Handelsgesellschaft mbH v Einfuhr- und Vorratsstelle fur Getreide und Futtermittel (C-11/70) fost oħrajn);*

23. *Illi għalhekk f'għajnejn l-Istat Malti, l-operat tas-soċjeta esponenti huwa kompletament legali u jsib konfort fil-Liġi nostrana, kif del resto l-offerta' tal-logħob lil persuni mhux biss li jinstabu Malta iżda anke persuni li jinstabu ġo pajjiżi terzi jsib konfort fil-qafas legali Malti. Mhux biss hekk, iżda ukoll l-operat u s-servizzi offruti f'dan is-settur partikolari jifforma parti mill-ordni pubblika tal-Istat Malti;*

---

[2] Paragrafu 20.

24. *Illi kwalsiasi dikjarazzjoni li tmur kontra u li b'xi mod ixxejjen id-dritt tas-soċjeta esponenti milli topera b'dan il-mod tmur manifestament kontra l-ordni pubblika ta' Malta;*

25. *Illi hawnhekk tajjeb li ssir riferenza għall-kawża deċiża mill-Ewwel Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja nhar is-16 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet Diageo Brands BV vs Simiramida-04 EOOD (C-681/13) fejn il-Qorti kienet ċara meta ddikjarat illi bħala regola l-Istati Membri (inkluż pajjiżna għalkemm fiċ-ċokon tiegħu) li jiddeterminaw ir-rekwiżiti tal-ordni pubbliku tagħhom:*

> *"bħala regola, l-Istati Membri jibqgħu liberi li jiddeterminaw, skont ir-riserva fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 44/2001, konformement mal-perċezzjonijiet nazzjonali tagħhom, ir-rekwiżiti tal-ordni pubbliku tagħhom, il-limiti ta' dan il-kunċett jaqgħu fl-interpretazzjoni ta' dan ir-regolament."*[3]

26. *Illi hawnhekk is-soċjeta rikorrenti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili per l-Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon fl-ismijiet Avukat Dottor Carl Grech noe kontra HSBC Bank Malta p.l.c. fejn jingħad is-segwenti:*

> *"Il-qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fit-30 ta` Ottubru 2015 fil-kawza fl-ismijiet Johann Romano Baldacchino et v. Ghazi Haigaz Kaskanian fejn inghad :-*
>
> > *"Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terga` tiftah il-meritu tal-kwistjoni deciza bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal-Qorti la li tghaddi gudizzju fuq il-kompatibbilita` tal-ligi estera mal-Ordinament Guridiku Malti u lanqas li tqabbel il-ligi estera ma` dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta` pajjiz li ghandu ligijiet differenti minn ta` Malta. Il-principju internazzjonali ta` "comity of nations" ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-Artikolu 827. Hu biss meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-ligi estera, tkun kuntrarju ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika*

[3] Paragrafu 42.

*interna ta` Malta, li Qorti lokali tista` tirrifjuta li tezegwixxi dik is-sentenza estera."*

27. *Illi f'dan il-każ partikolari s-Sentenza tmur proprju kontra l-ordni pubblika u l-Liġi pubblika interna ta' Malta, u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li tirrikonoxxi u teżegwixxi s-Sentenza estera;*

28. *Illi finalment, l-esponenti tagħmel referenza għall-Artikolu 56A tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-Leġislatur Malti għamilha ben ċara xi jsarraf fi prinċipju ta' ordni pubblika. L-esponenti sejjer jikkwota verbatim mit-test tal-Liġi:*

> *Artikolu 56A(b): "il-Qorti għandha tirrifjuta r-rikonoxximent u, jew l-infurzar ġewwa Malta ta' kwalunkwe sentenza u, jew deċiżjoni barranija mogħtija fir-rigward ta' azzjoni tat-tip imsemmi fis-subartikolu (a)."*

29. *Illi dan kollu naturalment ser jiġi ampjament sostnut permezz tax-xhieda indikati fil-lista ġuramentata annessa;*

U wara li hekk ippremettiet is-soċjeta attriċi talbet lill-Qorti :-

1. *Tiddikjara u tordna li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Awstrijaka fl-ismijiet Stefan Poschl vs. N1 Interactive Limited deċiża nhar l-10 ta' Awwissu tas-sena 2022 (mill-Qorti ta' Landesgericht fur Zivilrechtssachen ġewwa l-Awstrija) hija manifestament kuntrarja għall-istrateġija pubblika (ordre public) fl-Istat indirizzat u ċioe l-Istat Malti skont l-Artikolu 45(1)(a) tal-Brussels I Recast u/jew l-Artikolu 46 tal-Brussels I Recast u/jew il-Liġi Maltija; u*

2. *Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikonoxximent tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Awstrijaka fl-ismijiet Stefan Poschl vs. N1 Interactive Limited deċiża nhar l-10 ta' Awwissu tas-sena 2022 (mill-Qorti ta' Landesgericht fur Zivilrechtssachen ġewwa l-Awstrija) għandha tiġi rrifjutata u dan ai termini tal-Artikolu 45(1)(a) tal-Brussels I Recast u/jew l-Artikolu 46 tal-Brussels I Recast u/jew il-Liġi Maltija u dan in kwantu li r-rikonoxximent tal-imsemmija sentenza tkun manifestament kontra l-istrateġija pubblika tal-Istat Malti; u*

3. *Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li l-eżekuzzjoni tas-sentenza mill-Qorti Awstrijaka fl-ismijiet Stefan Poschl vs. N1 Interactive Limited deċiża nhar l-10 ta' Awwissu tas-sena 2022 (mill-Qorti ta' Landesgericht fur Zivilrechtssachen ġewwa l-Awstrija) għandha tiġi rrifjutata u dan ai termini tal-Artikolu 45(1)(a) tal-Brussels I Recast u/jew l-Artikolu 46 tal-Brussels I Recast u/jew il-Liġi Maltija u dan in kwantu li l-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza tkun manifestament kontra l-istrateġija pubblika tal-Istat Malti; u*

4. *Tordna l-ħruġ ta' kontro-mandat fl-ismijiet Av Marlon Borg et noe vs. N1 Interactive Limited għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru numru 896/2023 a spejjeż tal-intimat fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut l-Avukat Marlon Borg bħala mandatarju speċjali ta' Stefan Poschl ippreżentata fit-3 ta' Ottubru 2023 permezz ta' liema eċċepixxa:-

1. ***Illi preliminarjament, in-nullita` tar-rikors ġuramentat stante illi nieqes mir-rekwiżiti ad validitatem kif ikkontemplati fl-artikolu 156(1)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment billi ma jinkludix it-twissija kif trid il-liġi**;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, l-insostenibbilta` tat-talbiet attriċi kwantu illi ma teżisti l-ebda azzjoni fil-liġi fir-rigward tal- "eżekuzzjoni tas-sentenza mill-Qorti Awstrijaka" kif propost mill-attriċi stante illi l-eżekuzzjoni ma ssirx fl-istat membru tal-orġini;*

3. *Illi preliminarjament ukoll, l-irregolarita` u l-irritwalita`, u konsegwentement l-insostenibbilta` tar-raba' talba tas-soċjeta' attriċi kwantu dak mitlub u ċioe' "il-ħruġ ta' kontro-mandat" mhux azzjoni illi tintalab permezz ta' proċediment bħal dan;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sopraindikati, it-talbiet kollha tas-soċjeta` attriċi huma nfondati fil-fatt u*

*fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom u dan inter alia għar-raġunijiet elenkati hawn taħt:*

A. <u>*Ordni Pubblika*</u>

5. *Illi mhux minnu illi s-soċjeta` attriċi għandha xi "dritt sagrosant sabiex topera b'dan il-mod" kwantu li ser jirriżulta b'mod inekwivoku illi l-provvista ta' servizzi tal-logħob mis-soċjeta` attriċi ġewwa l-istat Awstrijakk kien illeġittimu ai termini tal-istrumenti regolatorji applikabbli;*

6. *Illi minkejja li l-artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFEU") jistabilixxi d-dritt tal-moviment liberu tas-servizzi bejn l-istati membri tal-Unjoni Ewropea, dan mhuwiex mingħajr eċċezzjonijiet. Di fatti, l-artikolu 52 tat-TFEU jipprovdi s-segwenti:*

> *"Artikolu 52*
>
> *1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, u l-miżuri adottati bis-saħħa tagħhom, <u>ma jippreġudikawx l-implementazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u regoli amministrattivi li jipprovdu għal trattament speċjali ta' ċittadini barranin u</u> <u>li huma ġustifikati għal raġunijiet ta' ordni pubblika, sigurtà pubblika u saħħa pubblika.</u>*
>
> *2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom joħorġu direttivi għall-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq."*

7. *Illi s-soċjeta' attriċi tonqos milli tikkunsidra l-fatt illi permezz tal-artikolu 52 tat-TFEU, id-dritt tal-moviment liberu jista' jkun ristrett. Filfatt, fejn jidħol l-ambitu tal-logħob tal-azzard, il-leġislazzjoni tal-istati membri hija kemmxejn varjata, tant illi m'hemm l-ebda armonizzazzjoni tal-istess fuq livell Ewropew. Dan ifisser illi ġie rikonoxxut illi kull stat membru għandu d-dritt li jilleġisla fuq il-logħob tal-azzard skont il-valuri u l-eżiġenzi tiegħu – "<u>għal raġunijiet ta' ordni pubblika, sigurtà pubblika u saħħa pubblika</u>";*

8. *Illi di fatti, fil-proċeduri kriminali kontra Otto Sjöberg (C-447/08) u Anders Gerdin (C-448/08) deċiżi fit-8 ta' Lulju 2010, il- Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet is-segwenti:.*

> *"39. The Member States are therefore free to set the objectives of their policy on gambling and, where appropriate, to define in detail the level of protection sought. However, the restrictive measures that they impose must satisfy the conditions laid down in the case-law of the Court as regards their proportionality (Liga Portuguesa de Futebol Profissional and Bwin International, paragraph 59)."*

9. *Illi di piu u in vista tan-nuqqas ta' armonizazzjoni fuq livell Ewropew fil-qasam tal-logħob tal-azzard online, kif ukoll id-differenzi sostanzjali fis-sistemi legali tal-istati membri, jingħad b'hekk illi l-istat Awstrijakk kellu u għad għandu l-poteri xierqa li jirregola s-suq tal-logħob tal-azzard online fil-konfront ta' dawk li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu, kif filfatt hija l-ġukatriċi fil-każ preżenti, inkluż ir-restrizzjonijiet li jidhru xierqa fil-konfront tal-operaturi f'dan is-settur, bħal ma hija s-soċjeta' atttriċi, inkluż l-otteniment ta' liċenzja valida mill-awtoritajiet Awstrijakki; id-diskrepanzi fir-restrizzjonijiet u protezzjonijiet offruti lill-ġukaturi bejn l-istat Awstrijakk u dak Malti ma jistgħux pero' jiġu kkunsidrati li jmorru kontra l-ordni pubblika Maltija;*

10. *Illi jiġi kkjarifikat ukoll illi l-liċenzja Maltija ma tawtoriżżax l-operazzjoni bla xkiel fl-istati membri tal-Unjoni oħra, u li hemm stati membri bħal m'hu fil-każ tal-Awstrija, illi l-liċenzja Maltija waħedha m'hijiex biżejjed u ma tippermettix l-operazzjoni tas-servizzi tagħhom mingħajr liċenzja ottjenuta milll-Awtoritajiet Awstrijakki;*

11. *Illi nfatti, fil-proċeduri kriminali kontra Dickinger u Ömer Case C-347/09 ġie ddikkjarat illi mhemm l-ebda obbligu taħt il-liġijiet tal-Unjoni li jkun hemm rikonoxximent reċiproku ta' awtorizazzjoni pprovduta minn membri stati differenti. Partikolarment intqal:*

> *"96. It must be recalled in this respect that <u>no duty of mutual recognition of authorisations issued by the various Member States can exist in the current state of European Union law</u> (Stoß and Others, paragraph 112). <u>In the absence of harmonisation at European Union level</u> of legislation in the sector of games of chance, and in view of the substantial differences between the objectives pursued and the levels of protection sought by the legislation of the various Member States, the mere fact that an operator lawfully offers services in one Member State, in which it is established and is in principle already subject to statutory conditions and controls on the part of the competent authorities of that State, cannot be regarded as a sufficient assurance that national consumers will be protected against the risks of fraud and crime, in view of the difficulties liable to be encountered in such a context by the authorities of the Member State of establishment in assessing the professional qualities and integrity of operators (Liga Portuguesa de Futebol Profissional and Bwin International, paragraph 69).*
>
> *98. The various Member States <u>do not necessarily have the same technical means available for controlling online games of chance, and do not necessarily make the same choices in this respect</u>."*

12. *Illi fil-qasam tal-logħob tal-azzard, li fih inniffsu huwa settur assoċjat ma' riskji ferm akbar minn setturi oħrajn li jgawdu d-dritt tal-moviment liberu, l-istati membri, inkluż l-Awstrija, invokaw restrizzjonijiet rigward dan is-settur bi ħsieb illi jipproteġu lill-konsumatur u s-soċjeta' in ġenerali. Allura huma l-awtoritajiet nazzjonali tal-membru stat ikkonċernat illi jiddeterminaw l-għażla tal-kundizzjonijiet, inkluż restrizzjonijiet, għall-organizzazzjoni li tipprovdi servizzi relatati mal-logħob tal-azzard. Illi fis-sentenza fl-ismijiet 'Sporting Odds Ltd vs Nemzeti' (C-3/17) deċiża nhar it-28 ta' Frar 2018, ingħad illi:*

> *"20. First, it must be recalled that the legislation on games of chance is one of the areas in which there are significant moral, religious and cultural differences between the Member States. In the absence of European Union harmonisation in the field, it is for each Member State to determine in those areas, in*

> *accordance with its own scale of values, what is required in order to ensure that the interests in question are protected (judgment of 8 September 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional and Bwin International, C-42/07, EU:C:2009:519, paragraph 57 and the case-law cited).*
>
> *Next, it is common ground that, in the context of legislation which is compatible with the FEU Treaty, the choice of methods for organising and controlling the operation and playing of games of chance or gambling falls within the margin of discretion which the national authorities enjoy (see, to that effect, judgment of 8 September 2010, Carmen Media Group, C-46/08, EU:C:2010:505, paragraph 59).”*

13.*Illi tenut kont il-premess jingħad li l-għan tar-Regolament 1215/2012 in kwistjoni huwa li jiffaċilita' r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' membri stati tal-Unjoni Ewropea fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ġewwa membru stat ieħor b'mod awtomatiku. Illi l-eċċezzjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi dwar l-ordni pubblika għandha tkun eċċezzjoni li tiġi applikata b'mod ristrett. B'relevanza għall-indaġni ta' x'jikkostitwixxi ordni pubbliku, fis-sentenza tal- Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet ta' 'Dieter Krombach v André Bamberski' (C-7/98) deċiża fit-28 ta' Marzu 2000, ingħad:*

> *“37. Recourse to the public-policy clause in Article 27, point 1, of the Convention <u>can be envisaged only</u> where recognition or enforcement of the judgment delivered in another Contracting State <u>would be at variance to an unacceptable degree with the legal order of the State in which enforcement is sought inasmuch as it infringes a fundamental principle.</u> In order for the prohibition of any review of the foreign judgment as to its substance to be observed, the infringement would have to constitute a <u>manifest breach of a rule of law regarded as essential in the legal order of the State in which enforcement is</u>*

> *sought or of a right recognised as being fundamental within that legal order." [enfażi miżjuda].*

14.*Illi in oltre', hemm limitu għal kemm il-qrati tal-istati membri jistgħu jirrikorru għall-kunċett ta' ordni pubbliku sabiex jiġi rifjut l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn qrati estera, u dan meta fl-istess sentenza fl-ismijiet ta' 'Dieter Krombach v André Bamberski' (C-7/98) dik l-Qorti tenniet ukoll illi:*

> *"23. While it is not for the Court to define the content of the public policy of a Contracting State, it is none the less required to review the limits within which the courts of a Contracting State may have recourse to that concept for the purpose of refusing recognition to a judgment emanating from a court in another Contracting State." [enfażi miżjuda].*

15.*Illi għalhekk l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ordni pubbliku sabiex tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' sentenza deċiża minn qorti esterna għandha tkun stretta u limitata billi tikkostitwixxi ostaklu għall-otteniment tal-oġġettivi fundamentali tar-Regolament 1215/2012, fosthom iċ-ċirkolazzjoni libera tas-sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali permezz ta' proċedura sempliċi għall-eżekuzzjoni. Għal din ir-raġuni, wieħed huwa permess jirrikorri għall-artikolu 45(1)(a) tar-Regolament 1215/2012 f'każijiet eċċezzjonali biss bħala l-aħħar rimedju wara illi jkun eżawrixxa r-rimedja kollha fl-istat tal-oriġini;*

16.*Illi tant hu hekk illi l-awtur Tomaž Keresteš fl-artiklu tiegħu 'Public Policy in Brussels Regulation I: Yesterday, Today and Tomorrow'*[4] *kiteb:*

> *"The CJEU has on the basis of the Brussels Convention and Regulations put limits on public policy by granting Member States the right to decide for themselves on the requirements to be satisfied under their public policy, but denying the State in*

[4] LeXonomica, Vol.8, No.2, pp. 77-91, December 2016.

> *which recognition is sought the right to decide for itself whether its public policy reservations made carry enough weight to impede the recognition or declaration of enforceability of the iudgement given in another Member State." [enfażi miżjuda].*

17. *Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-ordni pubblika tista' biss tinġieb ġjaladarba r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza relattiva tkun tolqot is-sistema legali tal-istat fejn qiegħed jintalab l-eżekuzzjoni b'mod illi hu inaċċettabli u li jippreġudika prinċipju fundamentali, u mhux minħabba interessi ekonomiċi li għandha s-soċjeta' attriċi;*

18. *Illi fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet flyLAL-Lithuanian Airlines AS v Starptautiskā lidosta Rīga VAS and Air Baltic Corporation AS, deċiża fit-23 t'Ottubru 2014, b'referenza għal x'jikkonsisti l-'ordni pubblika', l-Qorti qalet:*

> *"56. ... The concept of 'public policy' within the meaning of Article 34(1) of Regulation No 44/2001 seeks to protect legal interests which are expressed through a rule of law, and not purely economic interests. That also applies where, as set out in paragraph 37 of the present judgment, the public authority acts as a market participant, in the present case as a shareholder, and exposes itself to certain risks."*
>
> *U*
>
> *"58. Consequently, it must be held that the mere invocation of serious economic consequences does not constitute an infringement of the public policy of the Member State in which recognition is sought, within the meaning of Article 34(1) of Regulation No 44/2001".*

19. *Illi ċertament jista' jingħad illi l-fatt illi l-esponenti nomine sofra telf u li qiegħed jitlob ħlas lura mingħand is-soċjeta' attriċi bħala l-operatur tas-servizz mhux prinċipju jew dritt fundamentali tas-sistema legali Maltija, u*

*għaldaqstant ma jaqax taħt id-definizzjoni t'ordni pubblika kif intiża fir-Regolament 1215/2012;*

20. *Illi l-fatt illi l-liġijiet ta' żewġ stati membri huma inkonsistenti għal xulxin ma jfissirx illi hemm lok u ġustifikazzjoni bizejjed sabiex is-sentenza de quo ma tiġix rikonoxxuta u eżegwita. F'dan ir-rigward, l-esponenti nomine jagħmel referenza għas-sentenza tal- Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet 'Diageo Brands BV vs Simiramida-04 EOOD' (Case C-681/13) deċiża fil-15 ta' Lulju 2015, fejn intqal illi:*

> *"Article 34(1) of Regulation No 44/2001 (illum artikolu 45(1)(a) tal-Brussels I Recast Regolament 1215/2012) must be interpreted as meaning that the fact that a judgment given in a Member State is contrary to EU law does not justify that judgment's not being recognised in another Member State on the grounds that it infringes public policy in that latter State where the error of law relied on does not constitute a manifest breach of a rule of law regarded as essential in the EU legal order and therefore in the legal order of the Member State in which recognition is sought or of a right recognised as being fundamental in those legal orders" [enfażi miżjuda]*

21. *Illi bil-kawżi in dezamina, huwa ċar illi s-sentenza in kwistjoni la tmur kontra l-artikolu 56 tat-TFEU u lanqas kontra l-ordni pubblika ta' Malta kif qiegħda tallega s-soċjeta' attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha;*

22. *Illi addizzjonalment, fir-rikors intavolat mis-soċjeta' attriċi, saret ukoll referenza għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet Fluctus and Fluentum Case C-920/19 quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fejn ġie mtenni illi f'sitwazzjonijiet fejn il-liġi nazzjonali tkun manifestament mhux konformi mal-liġijiet tal-Unjoni (b'referenza għall-artikolu 56 TFEU), l-istat membru m'għandux japplika dik l-liġi anke jekk il-qorti tal-ogħla livell tal-istess stat membru tiddeċiedi illi tali liġi nazzjonali tkun konformi mal-liġijiet tal-Unjoni. Dan huwa  l-prinċipju tas-supremazija tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea;*

23. *Illi in oltre, il-qorti fid-deċiżjoni tal-każ surreferit Fluctus and Fluentum Case C-920/19, qalet ukoll illi dak deċiż pero ma jipprojbixxix lil qorti nazzjonali milli tinvoka deċiżjonijiet minn qrati ta' livell ogħla meta l-konsiderazzjonijiet ikunu konformi mal-liġijiet tal-Unjoni. Filfatt, hemm deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Suprema Awstrijakka fejn ġie kkonfermat illi l-Att Awstrijakk dwar il-Logħob huwa konformi mal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali Awstrijakka fejn ġiet deċiż illi l-Att Awstrijakk dwar il-Logħob mgħandux jiġi abbrogat mis-statura Awstrijakka billi dan ma jiksirx il-movement liberu ġewwa l-Unjoni skont l-artikolu 56 TFEU;*

24. *Illi hawnekk tajjeb li ssir referenza għat-talba għall-infringement proceedings kontra l-istat Awstrijakk intavolata minn Brandl Talos Rechtsanwälte GMBH f'isem u għan-nom tal- "Austrian Association for Gambling and Betting" fejn saret referenza lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea għall-interpretazzjoni rigward il-preżenti kwistjoni u għalhekk l-inkompatibbiltà o meno tal- monopolju Awstrijakk fil-qasam tal-logħob tal-azzard u l-Att Awstrijakk dwar il-Logħob, mal-artikolu 56 TFEU. Il-Kummissjoni fir-rispsota tagħha ta' nhar it-2 ta' Frar 2022, tenniet illi:*

> *"<u>National rules in the field of gambling may constitute restrictions on freedom of establishment and freedom to provide services</u>.*
>
> *In the absence of harmonised European legislation on gamblging, <u>member states may justify restrictions on fundamental freedoms on grounds of public interest where certain conditions are met</u>. In this context, the ECJ has recognised that the specific circumstances of the (online) gambling market give the public authorities <u>wide discretion</u> to determine, in accordance with their own values, the requirements arising from consumer protection and the protection of society against fraud". [enfażi miżjuda].*

25. *Illi l-Kummissjoni kkonkludiet il-proċeduri bis-segwenti:*

> *" possible violations of EU law by national rules and national practice in the field of gambling are currently not a priority for the Commission".*

B. *L-Artikolu 56A tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta*

26. *Illi kif ser jirriżulta matul is-smiegħ tal-kawża, l-artikolu 56A tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta mhux applikabbli għall-każ in kwistjoni, inter alia, stante li l-kriterji li trid il-liġi fis-sub-inċiżi (i) u (ii) tal-artikolu 56A (a) tal-istess Kapitolu ma humiex sodisfatti.*

C. *Nuqqas ta' provi dokumentarji pertinenti għat-talba attriċi*

27. *Illi s-soċjeta' attriċi tonqos milli tippreżenta kopja awtentika tas-sentenza li tagħha, b'dawn il-proċeduri, qed tittenta tikseb sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti għar-rifjut ta' rikonoxximent u eżekuzzjoni tal-istess sentenza.*

*Konklużjoni*

28. *Illi għalhekk evidenti illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet tas-soċjeta` attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt kemm għaliex jeżistu difetti grossolani fl-att promotur innifsu, kemm għaliex jeżistu rregolaritajiet ta' natura sostanzjali fil-proċediment kif imressaq, u kif ukoll għaliex is-sentenza mogħtija mill-Qorti Awstrijaka fl-ismijiet Stefan Poschl vs N1 Interactive Ltd. ta' nhar il-10 ta' Awwissu 2022 hija perfettament leġittima u ma tikser l-ebda disposizzjoni tal-liġi Maltija ta' ordni pubblika.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' attriċi li qed tiġi minn issa nġunta in subizzjoni.*

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma nhar l-20 ta' Marzu 2023 meta l-kawża tħalliet biex tiġi tarattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali;

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' din is-sentenza qed tigi deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut permezz ta' liema qed jallega li r-rikors promotur, rikors li l-konvenut jinsisti huwa rikors ġuramentat, huwa null peress li ma kienx fih l-avviż imsemmi f'l-artikolu 156(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta bħala stat ta' fatt li fir-rikors promotur huwa nieqes l-avviż imsemmi f'l-artikolu 156(1)d).

Illi l-proċeduri odjerni huma dawk tentati a bażi ta'l-artikoli 45 u 46 tar-Regolament 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) u cioe il-Brussels 1 Recast. Dawn l-artikoli jispeċifikaw li kwistjonijiet dwar rijut ta' rikonoxximent jew ta' esekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' stati membri oħra għandhom jiġu rimessi lill-Qorti kompetenti "*on application*" jew "*fuq talba*" (skond it-test bil-Malti) ta' persuna interessata.

Illi s-soċjeta attriċi tikkontendi li mhux meħtieġ li talbiet bħal dawn ikunu dedotti f'rikors ġuramentat. Aktar minn hekk tikkontendi li r-rikors promotur mhux rikors ġuramentat skond l-artikoli 125 u 154 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta imma huwa rikors "ordinarju" li l-kontenut tiegħu ġie konfermat b'ġurament u li għalhekk l-avviż imsemmi f'l-artikolu 154(1)(d) ma kienx meħtieġ.

Illi f'dan ir-rigward jiġi rilevat li r-rikors promotur ġie intestat "rikors ġuramentat" u fil-verita jissodisfa r-rekwiżieti kollha ta' rikors ġuramentat hekk kif elenkati f'l-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ħlif għall-avviż imsemmi fis-subartikolu 1(d).

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jingħad li dwar in-nuqqas ta' l-avviż rikjest skond l-artikolu 156(1)(d) f'rikors ġuramentat u jekk dan in-nuqqas għandux iwassal għan-nullita tar-rikors promotur il-Qrati tagħna diġa kellhom okkazzjoni jippronunzjaw ruħhom. Fis-sentenza mgħotija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru 2011 fil-kawża f'l-ismijiet ***Vincent Camilleri vs Emanuel Camilleri et*** intqal hekk anke b'referenza għall-ġurisprudenza prevalenti fir-rigward:

> *Illi effettivament, huwa minnu li dan l-avviż ma tniżżilx kif rikjest mil-liġi. Kif ġie deċiż fis-sentenza "Blye Engineering Co. Ltd vs S.P. Hotel*

*Limited" (P.A. (RCP) - 26 ta' Ġunju 2008) "bl-applikazzjoni tal-artikolu 398 (2) tal-Kap 12, li jipprovdi li l-konvenut kemm jista' jkun ghandu jhares ir-regoli stabbiliti f'dan ilkodici jew b'xi ligi ohra ghall-att procedurali li bih procedimenti kien l-ewwel jinbdew, l-istess kontro-talba kellu jkollha, bhal ma ghandu jkollu r-rikors guramentat.*

*Illi l-avviż meħtieġ taħt l-artikolu 156(1)(d), izda din l-eċċezzjoni trid tittieħed fid-dawl tal-artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi inter alia li: "(1) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' l-atti ġudizzjarji tista' tingħata - (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat.*

*Illi dan ifisser li l-vjolazzjoni tal-forma mhux neċessarjament dejjem iġib miegħu n-nullità tal-atti. In-nullità għandha tirriżulta biss meta l-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux għax jiġi annullat l-att. F'dan il-kaz l-attur rikonvenzjonat ma weriex fejn u kif huwa sofra preġudizzju irreparabbli. Huwa fil-fatt kien jaf bil-preżenza tal-kontro-talba anki għaliex il-konvenut rikonvenjenti uża l-kliem "Talba rikonvenzjonali ġuramentata..." fuq nett tal-atti tiegħu. L-attur rikonvenzjonat kellu kull opportunità jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif fil-fatt għamel u kellu kull opportunità jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jagħmel il-każ tiegħu.*

*Illi hawn issir riferenza ghall-diversi sentenzi li kkonfermaw it-tezi li "l-ligi tal-procedura hija biss l-ghodda biex jintlahaq tali skop, u mhux il-finalizzazzjoni tal-istess" ("Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et" – P.A (RCP) - 28 ta' Ottubru 1998 u "Emanuela Mifsud et vs Elisabeth Buhagiar pro et noe et" (P.A. -11 ta' Mejju 2009).*

Illi din il-Qorti tikkondiviedi dan il-ħsieb pjenament.

Illi fil-proċeduri odjerni l-konvenut ġie notifikat bir-rikors promotur, preżenta r-risposta tiegħu, issolleva l-eċċezzjonijiet kollha li deherlu li għandu jissoleva, u ser ikollu l-opportunita jressaq il-provi kollha biex isostni dak minnu eċċepiet. Għalhekk huwa ċar li anke jekk l-konvenut huwa korrett f'l-asserzjoni tiegħu li r-rikors promotur huwa rikors ġuramentat, l-għan ta'l-avviz rikjest skond l-artikolu 156(1)(d) intlaħaq u l-konvenut ma soffra l-ebda preġudizzju bħala riżultat tan-nuqqas ta' dak l-avviż fir-rikors promotur. Għal din ir-raguni waħedha l-eċċezzjoni in eżami żgur għandha tfalli.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut b'l-ispejjez ta' din l-istanza kontra tiegħu.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**